**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 18 TA' MARZU, 2002

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 1557/01 AE**

Elmo Insurance Agency Limited
bhala rapprezentanti tas-socjeta
estera Royal & Sun Alliance Insurance
plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat
taghha SBMD Ltd u l-istess SBMD
Ltd

Vs

Josef Micallef

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltija u sittin centezmu (Lm639.60), rizarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' sitt mija disgha u tletin lira Maltija u sittin

centezmu (Lm639.60) [Lm589.60 lis-socjeta Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm100 lis-socjeta SBMD Ltd) minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh gewwa San Pawl il-Bahar fl-24 ta' Novembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru JOS 218 habat mal-vettura numru EBF 983 propjeta tas-socjeta attrici SBMD Ltd u misjuqa minn Raymond Gauci – ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku.

Ra li l-konvenut jirrizulta li huwa debitament notifikat, izda ma pprezentax risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-konvenut kien deher quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2002, fis-seduti ta' wara ma regax deher.

L-Artikolu 13 tal-Kap. 380 jipprovdi li meta l-konvenut jonqos milli jidher: *"il-Gudikatur ghandu jisma' u jaqta' l-kawza fl-assenza tal-konvenut"*.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh fl-24 ta' Novembru 2000 gewwa Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar.

2. Mix-xhieda moghtija mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (P.C. 914 Ivan Mifsud) u d-dokumenti li gew ezebiti mill-istess xhud, jirrizulta sodisfacentement li l-incident tat-traffiku in kwistjoni sehh tort tal-konvenut.

3. Jirrizulta li l-konvenut:

(a) Kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Volkswagen bin-numru JOS 218 fid-direzzjoni opposta tal-vettura misjuqa minn Raymond Gauci.

(b) F'hin minnhom gibed fuq il-lemin u qasam il-karreggjata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura Toyota bin-numru EBF 983, sabiex jidhol fit Triq Gulio c-Centurjun.

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima ta' l-incident kien is-sewqan negligenti fis-sewqan tal-konvenut. Il-vettura Toyota bin-numru EBF 983 kellha d-dritta u mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi negligenza kontributorja min-naha tas-sewwieq ta' din il-vettura.

5. Dwar il-quantum ta' danni reklamati, dawn ma gewx kontestati u jirrizultaw sodisfacentement ippruvati (Dok. ZM1 – ZM8).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Novembru 2000 gewwa Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltija u sittin centezmu (Lm639.60).

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 2001 u bl-ispejjez kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**